



Brussell, 6 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8748/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0090(COD)

CODEC 999
EF 173
ECOFIN 435

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivati OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u-superviżjoni tar-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-4 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2017².
3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Ottubru 2017³.

¹ 8890/17.

² ĠU C 434, 15.12.2017, p. 63.

³ ĠU C 385, 15.11.2017, p. 10.

4. Fit-18 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 73/19.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 8456/19.